MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 16/2006

**Jonathan Zahra**

**vs**

**John Bezzina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) dovuti bhala hlas ta' xoghol ta' inginerija elettrika li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konevenut.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Risposta tal-konvenut John Bezzina ghat-talba tal-attur;

1. Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili
2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt
3. Illi x-xoghol maghmul mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u ma sarx a sodisfazzjoni tal-konvenut. Ghalhekk l-ebda hlas m'hu dovut ghal dan ix-xoghol.
4. Illi konsegwenza ta' dan ix-xoghol hazin li ma sarx skond is-sengha u l-arti, hekk kif rikjest mil-ligi, il-konvenut soffra danni estensivi u f'dan ir-rigward qieghed izomm ferm u integru kwalsiasi dritt spettanti lilu skond il-ligi kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2006 imnejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra:

Illi ma hemmx dubbju li l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(a) hija dik applikabbli ghal dan il-kaz stante li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' xoghol ta' inginerija elettrika li bla dubbju hija arti mekkanika kif imsemmi fl-istess artikolu, kif ukoll l-anqas hemm dubbju li x-xoghol sar iktar minn sena u nofs qabel il-prezentata tal-avviz tat-talba, anke billi sussegwentement il-konvenut hareg cheque biex ihallas ghall-istess xoghol li pero' tajjeb jew hazin talab u kiseb mill-bank stop-payment fuqu fl-10 ta' Settembru 2004.

Fl-aghar ipotesi ghall-konvenut ghalhekk din l-ahhar data tirraprezenta rikonoxximent tad-debtu u allura interuzzjoni

tal-preskrizzjoni. It-tmintax-il xahar mehtiega ghall-preskrizjoni nvokata f'dawn il-proceduri ghahekk ghaddew fl-10 ta' Marzu 2006. l-avviz tat-talba gie pprezentat fis-27 ta' Marzu 2006. ma jirrizultax li saret ittra ufficjali jew xi att iehor interruttiv tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------